# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 296/2023JPG**

**Kawza Nru : 26**

**IC**

**vs**

**AG**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' IC datat 23 ta' Mejju 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

> *Illi huwa zzewweg lill-intimata AG fid-disa' ta' Diċembru tas-sena elfejn (09.12.2000) ġewwa il-Knisja Parrokjali ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv X (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).*
>
> *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella tad-dsatax ta' April tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (19/04/2022) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).*

*Illi ulied il-partijiet Dante u Rebecca huma minorenni u twieldu fit-23 ta' Awissu 2003 u fl-24 ta' April 2007 u li ghalihom hemm provdut il-hlas ta' manteniment skond il-provedimenti tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

*Illi ghaddiet aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti IC jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' AG hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AG datata 12 ta' Settembru 2023 (Vide Fol 22) li taqra hekk:

*ILLI l-esponenti tixtieq tissottometti illi hija moralment ma taqbilx mad-divorzju u ma taqbilx li jigi ippronunzjat id-divorzju pero inghatat spjegat mill-konsulent legali taghha li legalment hija tista topponi biss ghal procedura, jekk ma ikunx ghadda iz-zmien li trid l-Ligi u cioe sena mis-separazzjoni jew jekk il-manteniment u l-ispejjez tal-ulied ma ikunux imhallsa u ikun hemm arretrati; jirrizulta li l-partijiet ilhom separati legalment ghal iktar minn sena u jirrizulta wkoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment u spejjez tal-bint minuri;*

*ILLI jigi rilevat li ghalkemm il-kuntratt ta' separazzjoni jistipula li*

*r-rikorrenti kellu ihallas manteniment ghaz-zewgt itfal pero it-tifel Dante, spicca l-istudji tieghu u huwa maggorenni u jahdem full-time u ghalhekk ebda manteniment ma huwa dovut;*

*ILLI ghalhekk l-esponenti, filwaqt li tirregista l-oggezzjoni morali taghha, tiddikjara li ser thalli fid-diskrezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghal gudizzju skond t-termini tal-Ligi;*

*ILLI finalment l-esponenti tissottometti li kull decizjoni m'ghandhiex tippregudika d-drittijiet kollha taghha u tal-ulied naxxenti miz-zwieg u dawk m'ghandhiex tippregudika d-drittijiet, termini u kondizzjonijiet ikkuntrattati fil-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet, li ghandu jibqa validu, veljenti u impregudikat;*

*ILLI finalment l-esponenti tikkonstesta l-ispejjez kollha tad-divorzju li ghandhom jithallasu fl-intier mir-rikorrent.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju a savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar id-9 ta' Dicembru 2000, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 19 t'April 2022 in atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri Vella. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 23) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed

zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Dicembru 2000, liema zwieg jgib certifikat numru 2172/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 19 t'April 2022 in atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri Vella. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2172/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**